**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru numru wieħed (1) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba, li nżammet nhar il-Ħamis, 4 ta' April, 2013 fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, L-Imqabba, fis-6.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Charlene Zammit | Deputat Sindku |
| | Emanuel (Noel) Galea | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv |

1. Nicholas Briffa, il-kunsillier l-aktar anzjan ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-segretarju eżekuttiv laqa' l-aċċettazzjoni tal-kariga tas-Sindku minn għand Nicholas Briffa kif ukoll l-aċċettazzjoni tal-kariga tad-Deputat Sindku minn għand Charlene Zammit, skond ir-riżultat elettorali tad-9 ta' Marzu, 2013, hekk dikjarat mill-Kummissjoni Elettorali.

3. Għaldaqstant Nicholas Briffa u Charlene Zammit kienu dikjarati Sindku u Deputat Sindku rispettivament wara li Noel Galea għadda l-insinja u l-*lapel badge* tal-uffiċċju tas-Sindku, lil Nicholas Briffa. Aktar tard wara tmiem dis-seduta s-segretarju eżekuttiv informa lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bl-eżitu ta' din il-laqgħa.

**Aġenda:**

4. Dwar id-dekasteri, Nicholas Briffa qal li hu jixtieq illi x-xogħol ikun offrut lil kulħadd minkejja li bla dubju hemm il-kapaċità tal-persuna li wieħed irid jagħtiha importanza. Hu fisser kif minbarra l-laqgħat tal-KLM se jkun hemm laqgħat oħra u għalhekk bit-twaqqif ta' kumitati oħra għal kull dekasteru, se jkun hemm xogħol amministrattiv addizzjonali. Hu qal li s-seba' leġiżlatura għandna programm vast u hemm prijoritajiet. Nicholas Briffa sostna li llejla minkejja li mhux possibbli li niddiskutu l-*items* kollha pendenti *per se*, ikun tajjeb li f'ġieh il-kontiwità nitkellmu dwar affarijiet mibdija u li huma ta' prijorità u li rridu naħdmu fuqhom mill-ewwel.

5. Fost dawn hemm il-problema bir-rotot u l-iskeda tat-trasport pubbliku. Is-sindku qara parti minn proposta li se tkun mibgħuta konġunta mal-Kunsill Lokali tal-Qrendi peress li aħna nagħmlu użu mill-istess rotta. Hu fisser kif din il-proposta qed issir biex intejbu l-frekwenza u l-konvenjenza tar-rotot 72, 117 u 118.

6. Ir-rotta 72 se nitolbu li tkun aktar frekwenti, imqassma fil-ħinijiet li huma magħrufa bħala r-*rush hour*. Din għandha terġa' tibda tgħaddi flok minn fejn il-*Union Print*, minn quddiem ir-residenza tal-Anzjani San Vinċenz De Paule, f'Ħal Luqa. Tibdil ieħor propost fir-raħal hu l-parti fejn fl-ideja tas-sindku biex ma jimxux ftit passi r-residenti, kien qed ikollhom ħajjithom fil-periklu. Dan għaliex il-proposta telimina l-parti ta' fejn il-bandli f'Misraħ il-Fidwa u wkoll Triq il-Barrieri, Triq il-Ħarriġiet u Triq id-9 ta' April u minflok tintuża Triq Karmenu Ciantar u l-*By-Pass* (Triq il-Konvoj ta' Santa Marija). Il-kunsillieri qablu unanimament dwar dan u se tintbgħat il-proposta konġunta.

7. Prijorità oħra li semma s-sindku hija l-manutenzjoni fuq is-sistema tad-drenaġġ ta' Binja Ħarriġiet. Hu qal li għamilna kuntatt mal-Perit Pizzuto tal-Awtorità tad-Djar, u infatti saret spezzjoni. Peress li rriżulta li m'hemmx qlib (bil-gravità) biżżejjed, qed jitħejjew il-*BOQs* u se joħorġu *tender* biex jeliminaw il-medda eżistenti u jgħaddu b'waħda ġdida minn mas-soqfa tal-garaxxijiet. Is-sindku qal li uffiċjali tas-sanità kienu wkoll ġew jagħmlu t-testijiet u sabu li hemm diffikultà fis-sistema interna tad-drenaġġ tal-blokka u dan qed jirriżulta f'telf fi ħdan l-Awtorità tad-Djar stess; għaliex il-*garages* li fihom qed ifur id-drenaġġ, la nxtraw u lanqas m'għandhom ċans li jinbiegħu. Hawn issemma illi fi tmiem il-leġiżlatura preċedenti konna għamilna kuntatt mar-residenti biex titwaqqaf assoċjazzjoni u sfortunatament ftit kienu li rrispondew. Nicholas Briffa qal li ħafna mir-residenti għamlu graffiti mal-ħitan biż-żebgħa biex ħadd ma jipparkja u jimblokka l-*garages* fil-*basements* u li qed ikerrħu l-binja kollha.

8. Prijortà oħra li semma s-sindku hija dik tar-residenti ta' Triq San Mikiel. Hawn il-KLM propju fil-laqgħa pubblika 2013 kien tkellem ma' familja li attendiet għal din il-laqgħa pubblika u fehem id-diffikultajiet li hemm f'din it-triq dejqa. Nicholas Briffa qal illi għandna nerġgħu insejħu lil dawn ir-residenti biex nisimgħu l-ilmenti tagħhom bid-diffikultajiet ikunu l-*pedestrian area* u l-aċċess għaliha f'każ ta' urġenza, u wkoll l-ilma tax-xita li jgħaddi minn kif inhu magħruf Sqaq il-Matla. Dwar l-ilma tax-xita Noel Galea qal li ma stajniex ngħaddu *pipe* minn taħt it-triq għaliex ma kienx hemm fejn joqgħod ma' dak tad-drenaġġ u l-medda tal-ilma. Intant il-laqgħa ma' dawn ir-residenti se ssir nhar il-11 ta' April, 2013 fis-6:30 pm ġewwa l-Isptar il-Qadim.

9. Is-sindku qal illi l-bieraħ attenda laqgħa tar-Reġjun Nofs-in-Nhar f'Ħal Qormi li jieħdu ħsieb is-sistema tal-infurzar tal-liġi kif ukoll aktar 'il quddiem il-lampi tat-toroq. Hu qal li peress li rreżenja mill-kariga is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, kien propost bħala Aġent Segretarju s-Sur Philip Massa li huwa wkoll is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Ħamrun. Intant is-Sur Jesmond Aquilina, id-Deputat Sindku ta' Ħal Qormi, ħa l-presidenza li għaddiet minn għand Claudette Abela Baldacchino.

10. Dwar ir-rapport li sar mill-perit tad-Dipartiment tas-Saħħa fuq l-istat tal-Berġa tal-Imqabba, fejn qed jallegaw illi l-Kunsill Lokali tal-Imqabba ħalla l-ilma joqtor minn kamra antika li hemm fuq l-istess berġa, li qed juża bħala *store*, Nicholas Briffa issuġġerixxa li din għandha tiċċaqlaq għal post aktar addattat. Intant is-SE ħa ritratt ta' bejt sfrundat (*third party property*) li jmiss mal-ħajt tal-appoġġ li jidher li hu l-aktar imkaabar. Hu qal li minkejja li hu mhux perit, iħoss li l-ilma li dieħel direttament fuq dan il-ħajt minn-naħa ta' wara qed jhedded l-istruttura tal-bini fuq din il-parti tal-blokka amministrata mill-Kummissarju tal-Pulizija.

11. Nicholas Briffa semma l-iskemi lokali li ssemmew ukoll fis-seduta preċedenti minn Noel Galea propju fl-aħħar seduta li għaddiet. Hu qal li dik tal-bandli ma ġietx *awarded* mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bħalma kienu *awarded* tas-*cctv camera* (fil-Pjazza tal-Knisja u fi Ġnien Tfal ir-Raħal), il-*book box*, ir-restawr ta' żewġ statwi, ix-xiri ta' kotba għal-librerija u l-iskema sportiva. Saret referenza għall-iskema tal-Awtorità tad-Djar fejn Noel Galea qal li x-xogħol suppost se jsir fl-2013, bħalma ssemma wkoll il-Fond għat-Titjib Urban. Dwar dan tal-aħħar, intqal illi dan għandna nippruvaw nagħmlu użu minnu qabel ma jitwebbel bih xi ministeru bħalma ġara fil-passat u nibqgħu b'xejn.

12. Is-sindku semma l-espressjoni ta' interess dwar il-*Youth in Action Program*. Din kienet tagħlaq illum u minn naħa tagħna l-KLM wera x-xewqa li jkun wieħed mill-kunsilli li jagħmel użu minn dan il-programm. Intant għas-*Seminar EUPA*, kien deċiż illi tattendi għalih id-Deputat Sindku Ms Charlene Zammit nhar it-12 u l-14 ta' April, 2013. Hija qalet li għal dan tajjeb li jattendi wkoll xi ħadd mill-*clerks*.

13. Nicholas Briffa qal illi wara din il-laqgħa hu għandu oħra mal-kappillan tar-raħal fejn se jkunu diskussi l-festi tar-raħal u dawk li jidhru li huma diffikultajiet li hemm bejn il-każini tal-banda. Laqgħa oħra se tinżamm ma' dawn l-entitajiet kollha nhar il-11 ta' April 2013 fl-Isptar il-Qadim. Din il-laqgħa li talabha l-kappillan se ssir mal-presidenti, s-segretarji u l-kaxxiera tal-każini flimkien mal-ispettur tal-pulizija.

14. Intant is-sindku avża wkoll lill-kunsillieri illi se ssir laqgħa mal-kap tal-Kulleġġ San Benedittu, Skola Primarja tal-Imqabba nhar it-8 ta' April, 2013 fis-1.00pm. Hu qal li se jkun hemm proposti fejn ir-relazzjoni ta' xogħol tista' titjieb bejnietna. Dan se jikkonċerna l-utilizzar ta' faċilitajiet tal-iskola (bħas-sala), korsijiet edukattivi/ akkademiċi li jistgħu ikunu organizzati mill-KLM hemmhekk, anke saħansitra dawk *multi disciplinary sports* tal-iskema msemmija ftit qabel biex ma nsemmux ukoll il-korsijiet tal-*computer*. Sfida oħra li għandha din il-leġiżlatura hija dik illi tesplora l-possibilità li tingħalaq Triq Valletta waqt il-ħin tad-dħul u l-ħruġ mill-iskola. Is-sindku qal li hu fiduċjuż li jintlaħaq ftehim mal-awtoritatjiet għaliex fil-festi jsiru arranġamenti simili li jaffettwaw iż-żona. Dan irid isir billi jinħoloq djalogu mal-ġenituri tal-istudenti speċjalment biex dawn ma jibqgħux jużaw il-vetturi tagħhom u jipparkjawhom eżattament mal-iskola.

15. Nicholas Briffa qal li kellu laqgħa mas-Sur Joe Abdilla, Uffiċjal ta' *E. Travel Solutions* dwar turiżmu lokali u l-*heritage walks* li ġew imfassla. Hu qal li biex ikun hemm sostenibbilità ta' dan trid tipproġetta li jinħolqu *day/night excursions* bil-kooperazzjoni mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu. Dawn l-*excursions* jistgħu ikunu sostenibbli billi l-istess viżitatur ikun meħud għall-ikel fil-każini tal-banda fejn hemm bżonn li jkunu utilizzati ż-żgħażagħ, assistiti bi gwida. Hu qal li fil-kalendarju tradizzjonali diġà qed noffru ħafna fil-festi u l-KLM qed jassisti bil-gwardjani lokali u t-tindif. Madankollu Nicholas Briffa qal li hemm ħafna aktar x'noffru lill-viżitatur billi nippreżentawlu *souvenirs* magħmula fid-djar bħal ganutell u snajja oħra kif ukoll arti bħal *folk groups*, banda mill-allievi, karnival taż-żgħażagħ eċċ. Hu qal li għall-bidu jistgħu jsiru darba fix-xahar u imbgħad isiru aktar frekwenti anke skond l-istaġun.

16. Charlene Zammit qalet li hemm bżonn isiru arranġamenti biex il-katakombi jibdew jinfetħu. Hawn se nippruvaw nitkellmu ma' *Heritage Malta* biex dan jibda jiftaħ bi skeda. Hawn ġie rrimarkat li kull meta jinfetaħ il-katakombi iridu jitħallsu l-*fees* tal-gwida.

17. Charlene Zammit qalet illi hemm bżonn li wkoll isir *enforcement* biex Triq Santa Marija fejn hemm il-*MUSEUM* tas-subien, ma jibqgħux jidħlu karozzi fiha. Hija qalet li din għandha tiġi ttrattata bħall-każ ta' Triq Valletta (skola).

18. Charlene Zammit staqsiet dwar id-dekasteri u hawn kien hemm klarifika fejn intqal illi l-*assignments* se jibda jallokahom is-sindku u l-affarijiet li se naħdmu fuqhom ukoll kollettivament billi kulħadd jagħti l-*input* tiegħu individwalment fuq qbil fi ħdan il-

KLM. Charlene Zammit qalet illi hija xtaqet illi nirrevedu dan wara 8-12-il ġimgħa. Is-sindku qal li għalissa m'hemmx il-ħsieb li nibdlu din is-sistema kollettiva.

19. Kien hemm proposta ta' Michel Farrugia fejn Triq Ħal Kirkop, miċ-ċimiterju 'l isfel issir *no entry to heavy vehicles*. Nicholas Briffa qal li hu jipproponi li din issir *one way* flimkien ma' triq oħra rurali li twassal ukoll lejn l-inħawi taż-Żurrieq.

20. Kienet approvata l-*Payment Approval Sheet* numru 459.

21. Noel Galea iffirma l-aħħar *cheque* 537 li kien jammonta għal €6.95 għall-*items* tal-*petty cash* minfuqa f'Marzu 2013, kif ukoll iffirma t-trasferiment ta' fondi ta' €600 *circa* minn fuq il-kont tal-KLM għal dak tal-aġenzija tal-pagamenti għax-xogħol tal-*Go plc* li kien sar fil-proġett ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti.

22. Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar is-16 ta' April, 2013 fis-6:30pm filwaqt li din il-laqgħa ntemmet fit-7:40pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum 16/4/13 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |